# Il-pittura tat-tmien lunetti

## ..opra kbira ta' mitt sena ilu

*minn Joseph Borg*

**Kull min iżur il-Knisja Arċipretali tagħna, magħrufa bħala r-Rotunda tal-Mosta, x'aktarx li jibqa' milqut u msaħħar mill-ġmiel tal-pittura tat-tmien pendenti kbar li jdawruha filwaqt li jżejnu dan is-Santwarju tal-Verġni Marija Assunta.**

**Pitturi** ta' fama li żaru l-knisja tagħna, kemm Maltin kif ukoll barranin stqarrew li l-pittura li qegħdin insemmu hija tassew opra artistika u faħħru saħansitra l-ħila ta' l-awtur tagħha, il-wisq magħruf fostna l-Maltin, Giuseppe Calì (1846-1930). Ta' min ifakkar li Calì twieled il-Belt Valletta minn ġenituri Naplitani u studja l-pittura f'Napli fl-Accademia delle Belle Arti taħt Giuseppe Mancinelli.

### Il-ħolma ta' l-Arċipriet Xuereb

L-unika biċċa pittura li kellha l-knisja tagħna sa l-1902, barra l-kwadri, kienet dik ta' l-arzella tal-Kor jew ta' l-abside li kienet saret fl-1880 minn Giuseppe Calì. Kellu jkun l-ewwel Arċipriet li qatt kellha r-Rotunda, is-Senglejan Dr. Dun Pawl Xuereb li twebbel jimla' l-vojt tat-tmien pendenti ta' bejn l-arkati. Ġara imma, li dan l-Arċipriet ħabrieki ma kellux jara l-ħolma tiegħu sseħħ f'ħajtu għax miet qasir il-għomor ta' 50 sena fl-1894.

Kellhom jgħaddu sitt snin mill-mewt ta' l-Arċipriet Xuereb sabiex jingħata bidu għal din l-opra. Għal xi raġuni jew oħra, l-Arċipriet Xuereb kien ħalla l-biċċa xogħol tal-pittura f'idejn il-Prokuratur wisq ħabbrieki li kellha l-knisja dak iż-żmien Dun Anġ Camilleri. Jerġa' dan is-saċerdot kellu l-għajnuna ukoll ta' żewġ Mostin oħra, Dun Pietro Magri u l-Avukat Oreste Grech. B'hekk fl-aħħar il-proġett tal-pittura seta' jibda, grazzi l-aktar għall-ġid imħolli għal dan il-għan mill-Arċipriet Xuereb. Bir-raġun kollu għalhekk li l-arma ta' dan ir-ragħaj spiritwali tal-Mostin, tidher fuq il-pendent li juri l-Qawmien ta' Kristu mill-mewt. Jingħad li wara li bit-tħabrik ukoll ta' dan l-ewwel Arċipriet li kellha r-Rotunda kienet inbniet il-lanterna, kien baqa' xi flus mill-ġbir li kien sar għaliha, dawn il-flus kienu marru wkoll għall-pittura.

➥ ikompli paġna 19




# Il-pittura tat-tmien lunetti

➡ minn paġna 18

### Jinqalghu l-kontroversji

Dwar x'kellhom jirrappreżentaw il-lunetti qamu kontroversji shah. Kien hemm min ried li jsiru anġli bhalma hemm fil-pjanta ta' Grognet, iżda li kieku kellhom isiru hekk Calì kien ikollu jaghmel il-figuri ta' l-anġli kbar wisq. Kien hemm min ried li jsiru dwar il-hajja tal-Madonna, iżda b'dan is-suġġett diġà kien hemm dawk it-tmien kwadri żghar li ahna nafuhom bhala 'ta' l-istorja'. Wara kollox il-pittura b'suġġetti Marjani kien ghad baqa' post ghaliha fil-vojt kollu ta' bejn it-twieqi tat-tanbur. Fl-ahhar nett kien hemm dawk li dehrilhom li billi t-tempju huwa fuq kollox u fuq kulhadd id-'Dar ta' Alla', setghu ghalhekk jitpittru xeni mill-hajja ta' Kristu l-Iben t'Alla u ta' Marija wkoll. Rebhu dawn ta' l-ahhar.

B'digriet tad-9 ta' Jannar, 1900, l-Isqof Monsinjur Pietru Pace qataghha li l-pittura tat-tmien pendenti kellha ssir kif inhi llum. Inqalghu iżjed kwistjonijiet dwar il-gwarniċa li tifred kull kwadru mill-profeta ta' tahtu u dwar dan l-Isqof reġa' qabbad esperti li ddeċidew li l-pittura kellha ssir skond kif ipproġettaha Calì. Jinghad ukoll li Calì kien beda biex ghamel xi mazzettuni mal-ġnub ta' kull profeta, iżda dawn ma ntghoġbux u minflok kellu jaghmel dawk l-irjus tal-Kerubini li naraw illum.



Il-pittur Guiseppe Calì — kompla żejjen ir-Rotunda permezz tal-pittura li pitter fiha

### L-opra tibda' u tintemm b'suċċess

Calì beda' jpitter il-lunetti matul l-1990. Beda bil-Lunetta ta' l-Epifanija, imbaghad pitter dik tat-Twelid ta' Kristu, wara dik tal-Qawmien mill-mewt tal-Mulej u fl-ahhar dik tad-dahla ta' Kristu f'Ġerusalemm li pittirha lejn tmiem is-sena 1901. B'hekk lesta sewwa sew nofs il-knisja.

➡ ikompli paġna 20


**Guido's Photo Studio**

***Professional Photography and Digital Video for Weddings, Engagements etc.***

***New fully equipped Studio. Photo Sessions by appointment.***

***Photos on Canvas or Laminated.***

***Photo Restoration. Remove scratches, tears and stains, add or remove people and objects.***

***Wide range of Arqadia and Outer Edge ready-made frames***



Simon Theuma
LMPA (UK) 1997
LBIPP (UK) 1998

139, Eucharistic Congress Rd. Mosta
Tel: 412659 Fax: 417512

# Il-pittura tat-tmien lunetti

minn paġna 19

Matul l-1902 pitter il-lunetti tad-Disputa tat-Tfajjel Ġesù fit-Tempju u dik ta' Kristu flimkien ma' l-Apostli. Calì temm l-opra tieghu fl-1903 bil-lunetti ta' Kristu jqajjem lil bin l-armla ta' Najm u bl-ahhar wahda li turi 'l Kristu u l-Madalena.

Il-Mostin ta' mitt sena ilu setghu allura issa jidhlu f'dik il-knisja mahbuba ghal qalbhom u jarawha mżejna bil-ġmiel ta' dik il-pittura li kienet kif ghadha sal-lum wirja tassew ta' sengha u arti li harġet mill-pinzell qawwi ta' artist mill-aqwa li qatt ra pajjiżna. Il-pittura ta' dawn it-tmien pendenti, Calì kien pittirha direttament fuq il-ġebla. B'kollox din il-pittura kienet swiet Lm200, jiġifieri Lm25 kull lunetta!



Gesù qajjem mill-mewt iben l-armla ta' Najm

### Harsa lejn il-pittura

Thares biss lejn dawn il-lunetti thossok qed tghix il-ġrajja li kull wahda minnhom tirrappreżenta. Fihom tidher ċertu hlewwa, bhal nghidu ahna il-wiċċ tal-Madonna grazzjuża li b'imhabba qieghda turi liċ-ċkejken Ġesù lil Maġi, jew inkella f'dak il-wiċċ kollu hlejju tat-Tfajjel Ġesù fost id-dutturi. Hlewwa u moghdrija wkoll ghandu Ġesù lejn il-mara midinba mixhuta fl-art f'riġlejh. Mill-Kristu li qed jqajjem lil bin l-armla ta' Najm hemm hierġa l-qawwa tad-Divinità u hekk ukoll nistghu nghidu ghall-wiċċ glor-

ikompli paġn 21





General Building Contractors & Suppliers of ready mixed concrete

'Gatt House', Triq in-Naġġar, Mosta MST 03 Malta
Tel: 410411, 410176, 410443, 419373 Fax: 433028

## Il-pittura tat-tmien lunetti

minn paġna 20



Gesù u l-mara midinba

już ta' Kristu imdawwal kif inhu b'dik il-qawwa u glorja divina li Calì rnexxielu jpitter tant tajjeb. Xi nghidu mbaghad ghal dawk it-tmien profeti! Huma hekk sbieh u mpittrin b'tant hila li jiġbdu bil-fors l-ghajn ta' kull min jidhol ġewwa r-Rotunda. X'qawwa hemm hierġa mill-figura tal-Profeta Izaija filwaqt li b'idu merfugha 'l fuq ihabbar it-twelid ta' Kristu l-Prinċep tal-Paċi minn Omm Verġni! Jew inkella x'inghidu ghall-Profeta Sofonija b'idejh miftuhin u b'harstu 'l fuq mghaġġeb bil-Qawmien ta' Kristu mill-mewt!

Guiseppe Calì ilu issa mejjet sewwa. Hija tassew hasra kbira li fi żmienu kellu jinqala' l-ghawġ li fixkillu l-pjan milli jpitter hu wkoll il-vojt ta' bejn it-twieqi tat-tanbur. B'dan kollu t-tifkira tieghu fostna tibqa' sakemm l-ilwien sbieh li bihom libbes il-figuri hajjin tieghu jitfu u jghibu minn fuq il-hitan qawwija u sodi tat-tempju monumentali taghna ddedikat lil Marija Assunta. ■

**Riferenzi:**

1. Musta — Its Memories and Charms — Rev Edgar W. Salomone, 1910 pg. 26.
2. Storja tal-Mosta miġbura minn E. B. Vella u Ohrajn — pg 216 u 268
3. Guiseppe Calì (1846-1930) — Emmanuel Fiorentino, Louis A. Grasso, pg. 65.
4. Mosta the Heart of Malta — The Rotunda and its Artistic Treasures — Gerald Bugeja — pg. 97, 98.
5. Il-Mosta — Frar/Marzu 1978 — pg. 4.

GATT

GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

BUILDING & CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS

'Josmar House', Triq id-Difiża Ċivili, Mosta MST 11, Malta
Telephone: 410111, 432222, 433408, 432299 Facsimile: +356 412299